MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2489/1997/1

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Johns Garage Limited**

**vs**

**Phoenicia Hotel Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Frar, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lill din il-Qorti sabiex:

1 Tiddikjara lis-socjeta konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident li gara meta fis-sieghat bikrin ta bejn il-31 ta’ Dicembru 1995 u l-1 ta’ Jannar 1996 waqat hgiga minn tieqa mill-lukanda Phoenica Hotel, Floriana fuq il-vettura numru X-5350 li dak il-hin kienet ipparkjata fil-parking tal-istess lukanda;
2 Tillikwida d-danni sofferti mill-attur George Bonnici nomine fl-ammont ta' tlett mija u seba u sebghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi (LM377.52) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' Periti nominandi; u
3 Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra ufficjali tas-7 ta’ Frar 1997 kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghs-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, ghaliex is-socjeta konvenuta ma hix responsabbli ghal dak li hu allegat stante li, fil-kaz li dak allegat gara, dan kien dovut ghal ‘act of God’;
2 Minghajr pregudizzju, li l-karrozza giet ‘parked’ minghajr dritt jew permess, u ghalhekk a riskju tal-proprietarju taghha;
3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta fejn eccipiet illi:

1 George Bonnici u John Bonnici ippresentaw l-avviz “a nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Johns Garage Limited;”
2 Azzjoni giudizjarja basata fuq surroga ta’ drittijiet hija regolata bl-Artikoli 1469 et sequentia tal-Kodici Civili;

3 L-Artikoli, u partikolarment l-Artikolu 1472, jesigu li, min jacquista b'cessjoni ta' drittijiet minghand haddiehor, biex jesercita dawk id-drittijiet, ghandu bil-fors jinforma lill persuna, li kontriha rid jesercitahom, bl-acquist ta' dawk id-drittijiet, permezz ta' att giudizjarju kontenenti kopja tad-dokument li in forza tieghu ikun acquista dawk id-drittijiet, u dana qabel ma jibda atti giudizjari;
4 L-atturi ma ottemperawx ruhhom mad-disposizzjonijiet tal-ligi, u ghalhekk l-azzjoni taghhom hija intempestiva, rrita u null, u ghandha tigi michuda fl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-eccezzjonijiet taghhom in kontestazzjoni tat-talba attrici, il-konvenuti kienu, fil-bidu ta dawn il-proceduri, ibbazaw ruhhom esklussivament fuq il-pretensjoni li huwa ghandhom ikunu ezenti minn kull responsabilita' minhabba li l-hsara li sofriet il-vettura assikurata mal-atturi kienet dovuta ghal "act of God".

Infatti, kieku ma kienx ghall-accenn taghhom li ma kienux qed jaccettaw inekwivokament li l-hsara giet ikkawzata bil-hgiega li waqghet mil-lukanda u dan stante ir-riserva bil-kliem "fil-kaz li dak allegat gara", l-atturi ma kienx ikollhom il-htiega li jippruvaw illi effettivament il-vettura assikurata kienet giet idanneggjata bit-tieqa jew hgiega li waqghet mil-lukanda gestita mill-konvenuti.

Ghalhekk sewwa ghamlu l-atturi li ghaddew ghall-provi dwar kif grat il-hsara allegata u dwar in-nefqa relattiva ghat-tiswija tal-istess.

Izda sakemm inghalaq is-smigh tal-kawza, l-atturi b'ebda mod ma kienu tenuti li jipprovdu wkoll xi provi dwar is-surroga legali u n-notifika tal-istess lill-konvenut; infatti matul is-smigh tal-kawza ma saret qatt kontestazzjoni mill-konvenuti dwar ir-relazzjoni legali taghhom mal-atturi u dwar l-pretensjoni tal-atturi li kienu fil-fatt digia' infurmaw lill-konvenuti b'tali surroga bl-ittra ufficjali tas-7 ta Frar 1997, indikata fl-avviz.

Ghalhekk il-konvenuti ma setghux fi stadju meta l-kawza thalliet ghas-sentenza jippretendu li, wara l-kontestazzjonijiet tagghom fil-meritu, huma ma ghandhom ebda relazzjoni diretta mall-atturi u jibbazaw din l-allegazzjoni fuq in-nuqqas ta provi f'dan ir-rigward.

Inqas u inqas ma jistghux il-konvenuti, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-provi u trattazzjoni jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri salv dawk permessi mill-ligi u xi provi godda minghajr il-premess espress tal-Qorti u li ghalhekk m'hiex ser tiehu konjizzjoni tan-nota ta eccezzjonijiet ulterjuri taghhom u tal-affidavit ta Marion Shaw.

Fil-meritu jirrizulta ampjament li l-vettura in kwistjoni kien ipparkeggjata fil-post appositu destinat mill-konvenuti, bhala operaturi tal-lukanda Phoenicia, ghall-parkegg tal-vetturi tal-klijenti taghhom li jkunu qed jutilizzaw xi wahda mill-facilitajiet li toffri l-istess lukanda.

Jirrizulta ukoll ampjament ippruvat illi il-vettura assikurata kienet effettivament giet idanneggjata meta waqghet tieqa tal-lukanda fil-lejl ta bejn il-31 ta Dicembru 1995 u l-1 ta Jannar 1996. Infatti ir-rapport stess tal-Perit Patrick Camilleri, imqabbad mill-konvenuti jirriferu ghall-hsara il-grat fil-hgieg tal-'windbreak' fil-lejl ta bejn il-31 ta Dicembru 1995 u l-1 ta Jannar 1996.

Jirrizulta ukoll ippruvat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, kemm mid-deposizzjoni ta John Bonnici u mid-dokumenti esibiti, illi effettivament in-nefqa totali a kariku tal-atturi ghar-riparazzjoni tal-hsara sofferta mill-vettura assikurata kienet tammonta ghal tlett mija seba u ghoxrin lira u seba u ghoxrin centezmi (LM327.27) billi somma ta LM50

kienet giet sopportata mill-assikurat in linea ta 'excess' a bazi tal-polza ta assikurazzjoni.

Pero' l-konvenuti jippretendu li ghandhom ikun ezenti mir-responsabilita' billi ghalkemm il-hgiega kienet waqghet mill-'windbreak' taghhom dan kien gara minhabba maltemp serju li jwassal biex il-qlugh tal-hgieg minn posta jikkwalifika bhala 'Act of God".

Izda biex jaslu ghal din il-prova ma huwiex bizzejjed li jippruvaw li fil-lejl in kwistjoni kien qam maltemp ta certa qawwa li anke gab mieghu buffuri ta madwar 34 nodi; kien jinkombi fuqhom li jippruvaw ukoll illi l-'windbreak' kien mibni skond l-arti u s-sengha u minn materjal adattat li xorta wahda ma felhax ghall-qawwa imprevista tal-maltemp li hakem il-lukanda dak inhar.

Il-provi prodotti minnhom stess izda juru mod iehor. Infatti l-istruttura in kwistjoni kienet giet mibnija biex appuntu tilqa ghar-rih u wiehed ghandhu bil-fors jassumi li din kellha tkun ta sahha bizzejjed biex tirresisti ghal buffuri ta iktar minn 34 nodi li ma jirrizultax li huma rarita' f'dawn il-Gzejjer.  Infatti ebda parti ohra tal-istess 'windbreak' ma sofrew xi hsarat mill-istess maltemp u kif jikkonferma l-istess Perit Camilleri ebda parti mil-lukanda ma sofriet xi hsarat bil-maltemp. Lanqas ma jirrizulta li l-istess maltemp qajjem xi allarm jew ikkawza xi hsarat f'xi inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer.

Ghaldaqstant issib illi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ma gietx ippruvata u l-konvenuti ghandhom ikunu tenuti risponsabbli ghall-hsarat ikkawzati minhabba l-kostruzzjoni dghajjfa taghhom li cediet fil-maltemp.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lis-socjeta konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident li gara meta fis-sieghat bikrin ta bejn il-31 ta' Dicembru 1995 u l-1 ta' Jannar 1996 waqat hgiega minn tieqa mill-lukanda Phoenica Hotel, Floriana fuq il-vettura numru X-5350 li dak il-hin kienet ipparkjata fil-parking tal-istess lukanda; tillikwida d-danni sofferti mill-attur George

Bonnici nomine fl-ammont ta' tlett mija u seba u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi (LM327.52); u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma LM327.52 hekk likwidata, bl-imghax legali mit-12 ta' Dicembru 1997.

Bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti."

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b' din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha b' sensiela ta' lmenti proposti f' dawn it-termini:

1. Ma saret l-ebda prova li s-socjeta` attrici nformatha bil-pretiza surroga u l-ewwel Qorti naqset li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni ulterjuri taghha f' dan il-kuntest;
2. L-ewwel Qorti kkonkludiet certi fatti b' mod legger u ma kkonsidratx kif jixraq l-eccezzjoni taghha tal-forza estranea, ossija "*Act of God*";
3. L-ewwel Qorti ma kkonsidratx l-affidavit ta' Marion Shaw li baqa' ma giex sfilzat. La dan baqa' fil-process ingiebet prova li s-sewwieq tal-vettura danneggjata ma kellu l-ebda dritt jipparkeggja l-vettura f' dak il-post. Dan ghar-raguni li ma kienx residenti fil-lukanda;
4. In-numru tal-vettura gie indikat zbaljatament fl-att ta' l-Avviz. Jigi allura, dejjem skond is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti, illi hi giet ikkundannatha tirrizarcixxi danni dwar vettura inezistenti;

Kwantu ghall-ewwel aggravju dan hu manifestament insostenibbli. Jirrizulta infatti minn ezami tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti okkupat ruhha mill-eccezzjoni ulterjuri, anke jekk mhux kif xtaqet is-socjeta` konvenuta appellanti;

Korrettement, l-ewwel Qorti irrilevat zewg konsiderazzjonijiet:-

1. Fl-istadju tal-prezentata tan-Nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri l-provi kienu gja nghalqu u l-kawza kienet imhollija ghas-sentenza;

2. Is-socjeta` konvenuta ma setghetx tintavola Nota bhal din minghajr l-awtorizzazzjoni preventiva ghal daqshekk. Dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti jidher li hu linejarment ma' dak dispost fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 728 tal-Kodici ta' Procedura, applikabbli ghall- "Eccezzjonijiet in generali" u mhux dawk biss moghtija quddiem qorti fi grad superjuri, kif hekk zbaljatament sottomess mis-socjeta` appellanti;

Una volta l-ewwel Qorti rpozat ruhha fuq il-precitati konsiderazzjonijiet ma kienx il-kaz illi kellha tingieb prova tas-surroga gjaladarba dan il-fatt kien accettat mis-socjeta` appellanti, anke ghaliex dwaru ma ssollevat l-ebda opposizzjoni b' xi eccezzjoni formali fl-istadju meta kien konsentit lilha taghmel dan;

Ankorke kellha din il-Qorti tokkupa ruhha mill-eccezzjoni ulterjuri moghtija, il-materja ma kellhiex tigi rigwardata mill-perspettiva ta' dak mahsub fl-Artikolu 1469 *et sequitur* tal-Kodici Civili, imma, kif sew osservat mis-socjeta` attrici appellata fil-korp tar-risposta ta' l-appell, fl-ambitu tad-disposizzjonijiet 1164 - 1167 ta' l-istess Kodici Civili;

B' disposizzjoni espressa, min ihallas jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur, jew bis-sahha ta' konvenzjoni jew b' disposizzjoni tal-ligi (Artikolu 1164). Fil-fatt, fl-artikoli ta' wara huwa dispost meta topera ruhha s-surroga b' konvenzjoni jew permezz tal-ligi;

Huwa veru li kif jinghad mid-dottrina legali s-surrogazzjoni hi materja "*di diritto stretto*" u allura ma jistax ikollha lok u ma tistax tigi applikata hlief fil-kazijiet espressi testwalment mil-ligi jew mill-konvenzjoni (Ara **Troplong**, "Dei Privilegi e delle Ipoteche", Vol. I para. 357). Fil-kaz prezenti, pero`, induttivament u logikament il-materja tas-surrogazzjoni *de quo* tiffigura fl-ipotesi kontemplata taht is-subparagrafu (c) ta' l-Artikolu 1166 li tippreskrivi l-

akkoljiment tas-surroga *ipso jure* favur "dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghall-ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu". Kwindi anke minn dan il-punto di vista l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa ma setghetx guridikament tircievi favur. L-ewwel aggravju, anke ghal din ir-raguni, qed jigi respint;

It-tieni aggravju jifforma, tista' tghid, il-qalba tal-linja difensjonali tas-socjeta` appellanti. Jinghad mill-ewwel, a skans ta' ekwivoci, illi fil-hsieb tal-Qorti, l-aspett fattwali tal-kaz gie korrettement valjat mill-l-ewwel Qorti;

Is-socjeta` appellanti ma tikkontestax id-dannu izda tippretendi, b' difiza liberatorja, illi l-*windbreak*, li kkagunat l-istess dannu, inqalghet minhabba rih qawwi. Hi ghalhekk tibbaza din id-difiza taghha fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li jafferma li "kull hsara li tigri b' accident jew b' forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara." Huwa pacifikament ricevut illi "l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur" (**Kollez. Vol. XXXI P I p 467**);

Fuq l-interpretazzjoni taghha tar-rizultanzi processwali l-ewwel Qorti kkonkludiet illi s-socjeta` appellanti ma gabetx dawk l-elementi ta' prova li jsostnu din id-difiza taghha hekk bazata fuq il-forza magguri, ossija, event imprevidibbli u inevitabbli, li ghalih huwa mpossibli li wiehed jirrezisti (**Kollez. Vol. XXX P I p 869**). Ghall-kuntrarju dik il-Qorti sabet, gustament, illi r-rih, anke tal-grad stabbilit mill-provi, ma kienx tali li jwassal ghal qlugh tal-*windbreak*. Skond ix-xhud Saviour Porter ta' l-ufficcju meteorologiku l-buffuri tar-rih ekwivalenti ghal skala tmienja (8) fuq il-Beaufort Scale, tenut rigward taz-zmien tax-xitwa, kienu "normali ghalkemm mhux daqstant frekwenti" (ara deposizzjoni tieghu a fol. 49). Dippju dejjem dik l-istess Qorti innovat fil-parti razzjonali tad-decizjoni taghha illi l-istess socjeta` appellanti naqset milli ggib prova sodisfacenti illi dik il-*windbreak* partikolari

kienet mibnija skond l-arti u s-sengha u b' materjal adattat;

Una volta, anke wara ri-ezami tal-provi, jirrizulta li l-avveniment tal-forza tan-natura ma kienx wiehed insolitu jew sproporzjonat, din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddipartixxi mir-ragonament u l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward. Izzid biss din l-osservazzjoni rakkolta mill-gurisprudenza, u, cjoe, illi "*quando invece, vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono la conseguenza della proprie azione ed omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 172**). Ara wkoll decizjonijiet f' dan l-istess sens riportati a **Vol. XVIII P II p 164; Vol. XXX P II p 142** u **Vol. XXXVII P II p 637**, ilkoll riferenzjati fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Alfred Delia -vs- Segretarju Permanenti u d-Direttur tat-Toroq *et***", 19 ta' Mejju 2004;

Anke allura dan it-tieni aggravju mhux meritevoli ta' akkoljiment;

Bit-tielet ilment taghha donnha s-socjeta` appellanti qeghda tikkontendi illi hija ma ghandhiex twiegeb ghall-akkadut in raguni ghall-fatt illi John Nigel, is-sewwieq tal-vettura ma kellux dritt jipparkeggja fejn ipparkeggja in kwantu ma kienx residenti tal-lukanda. Dippju, tikkampa t-tezi taghha wkoll fuq il-kontenut ta' l-avviz muri fir-ritratt (Dok. PH1) li jezenta lis-sidien tal-lukanda "*for any loss or damage to vehicles or property howsoever caused*";

Din il-Qorti titlaq mill-premessa illi anke kieku kellha tiehu qies ta' l-affidavit ta' Marion Ellul Shaw (fol. 74), prezentat wara li nghalqu l-provi, u minghajr ebda prova tan-notifika tieghu lill-kontroparti, xorta wahda ma ssibx illi ghaliex l-imsemmi John Nigel ma kienx residenti fil-lukanda, *ergo* s-sidien taghha huma ghaldaqstant eskolpati minn kull htija. Bir-rispett kollu ebda argoment bhal dan, rafforzanti

kemm hu rafforzanti, ma jista', u ghandu, jiggjova din id-difiza u tezi tas-socjeta` appellanti. Fic-cirkostanzi pervenuti jitqies ghal kollox immaterjali jekk is-sewwieq tal-vettura danneggjata kienx residenti o meno. Dan, anke, ghaliex minn imkien ma jirrizulta illi l-parkegg kien rizervat ghar-residenti biss u mhux ukoll ghat-terzi li jaghmlu uzu mill-facilitajiet li toffri l-lukanda;

Ferma din l-osservazzjoni, din il-Qorti, imbaghad, lanqas ma ssib illi l-avviz muri fir-ritratt jista' jezonera lis-socjeta` appellanti mir-responsabilita` proprja fejn ikun jirrizulta illi din ma tkunx agixxiet b' dik id-diligenza u hsieb mistenni minn *bonus paterfamilia*. Kriterju dan sostrat ta' bosta disposizzjonijiet tal-Kodici Civili taghna; b' mod generali, l-Artikoli 1132 (1) u 1032 tieghu;

Fil-hsieb tal-Qorti dak l-avviz mhux hlief manifestazzjoni unilaterali u arbitrarja tal-lukandier li ma jgibx ghalhekk biss illi l-kontroparti tkun qeghda tabdika d-drittijiet taghha. Ma jikkontjeni l-ebda patt, l-ebda akkonsentiment jew accettazzjoni manifesta ta' l-uzuarju tal-parkegg. Ma jistax allura, dejjem skond l-opinjoni ta' din il-Qorti, dak l-avviz ikollu t-tifsira estensiva ta' xi ezoneru komplet mir-responsabilita` civili, kompriz ukoll allura dawk l-atti naxxenti minn delitt jew kwazi delitt;

Anke kieku talvolta kellu jigi argomentat illi dak l-avviz jitqies sembjanza ta' kuntratt, l-istess ma kienx ikollu valur li jezonera lis-socjeta` konvenuta la mid-dolo, la mill-kolpa gravi, ekwiparata ghad-dolo, u lanqas mill-kolpa ljievi, li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere. Fi kliem iehor il-klawsola ta' rresponsabilita` bhal dik in ezami ma tezonerax mir-responsabilita` meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover. Ara **Kollez. Vol. XLV P III p 814**);

Anke allura dan it-tielet aggravju qed jigi michud;

Dwar l-ahhar aggravju jista’ jinghad semplicement illi l-fatt tad-difett fin-numru tal-vettura ma jgibx ghalhekk illi l-kumpanija konvenuta ghandha thoss ruhha hielsa mill-kundanna. Sewwa nghad mis-socjeta` attrici appellata illi fl-ahhar mill-ahhar dak li jitqies maggorment importanti huwa li l-vettura giet ben identifikata bhala l-vettura li sofriet id-dannu. Din l-identifikazzjoni tirrizulta kjarament mix-xhieda prodotti mis-socjeta` appellata. Inoltre, gjaladarba, kif jirrizulta dik in kwestjoni kienet l-unika vettura li ssubiet danni ma jidherx li s-socjeta` appellanti ma kienetx xjenti dwar liema kienet il-vettura, jew li dan il-fatt, b’ xi mod, ippregudikalha d-difiza taghha. Anke allura f’ dan il-kaz din il-Qorti ma ssibx dik is-serjeta` xierqa li ggeghla tiddilunga izzejjed dwaru jew li tghaddi biex tikkunsidra b’ mod favorevoli dan l-istess ilment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost, u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------